**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 14/2016**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Christopher Galea**

Illum 27 ta' Frar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Christopher Galea**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 132075(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fix-xahar ta' Ottubru 2012 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, bid-dieher jew bil-moħbi jew bil-mezz ta' persuna oħra, ħa interess privat

f'aġġudikazzjoni, appalt, jew amministrazzjoni, sewwa jekk kellu għal kollox jew f'parti t-triġija jew is-sorveljanza tagħhom, kif ukoll jekk kellu din it-triġija jew sorveljanza fiż-żmien li l-aġġudikazzjoni, l-appalt jew l-amministrazzjoni nbdew;

2. fl-istess perjodu u ċirkostanzi bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku illi ħa interess privat f'affari li dwarha kien inkarigat jagħti ordnijiet, jagħmel likwidazzjonijiet, ranġamenti jew ħlasijiet ta' kull xorta li jkun.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-14 ta' Jannar 2016, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 124 u 125 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu u kkundannatu sitt (6) xhur priġunerija li *ai termini* ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sospiżi għal sena mid-data tas-sentenza. Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabiltajiet tiegħu *ai termini* tal-istess sentenza.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-25 ta' Jannar 2016 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tħassar l-istess sentenza billi tilliberah minn kull piena u imputazzjoni, jew, sussidjarjament, f'każ li tikkonferma l-ħtija tal-imputat, tvarja l-piena inflitta fil-konfront tiegħu għal waħda aktar xierqa fiċ-ċirkostanzi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

<u>Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti</u>.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi mill-verbal tas-seduta tal-11 ta' Settembru 2017 (*a fol.* 185) miżmuma quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta jirriżulta li l-partijiet qablu li fis-sottomissjonijiet u l-eventwali

ġudizzju f'dan l-appell m'għandux jittieħed kont tal-istqarrija tal-appellant.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2024, dak li ngħad mill-konsulent legali tal-appellant u dana b'żieda ma' dak li kien ġie sottomess quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fl-14 ta' Jannar 2016 fejn fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2024 il-konsulenti legali qablu li din il-Qorti kif preseduta setgħet tħalli l-appell għas-sentenza.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jitlob lil din il-Qorti sabiex tilliberah mill-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu jew alternattivament teroga piena aktar xierqa għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Illi l-fatti tal-każ jirrigwardaw allegat abbuż minn naħa tal-appellant fir-rigward ta' xiri ta' *stationery* għall-Pulizija. Jidher li l-appellant kien responsabbli sabiex jikseb kwotazzjonijiet meta jkun hemm bżonn li l-Pulizija jixtru xi *stationery* fil-fattispeċie *toners*. Jirriżulta li Frar 2005 l-appellant irreġistra kumpannija bl-isem ta' Crownee Limited (Dok. "QT" – *a fol.* 83 *et seq.*) permezz ta' liema kumpannija huwa kien jissottometti offerti għal kwotazzjonijiet maħruġa għal xiri ta' *toners* li kien jamministra huwa. Kompetitur tiegħu għamel ilment permezz tal-avukat tiegħu dwar il-fatt li l-appellant kien qed jirbaħ il-maġġoranza kbira tal-kwotazzjonijiet għal xiri ta' *toners*. Minn dan il-punt inbeda l-istħarriġ tal-Pulizija.

Illi permezz tal-appell tiegħu l-appellant iressaq żewġ aggravji li din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tistħarriġhom separatament. Qabel tipproċedi ulterjorment, din il-Qorti tinnota li jkun opportun li

tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Jannar 2024 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Brandon Said** (Numru 17/2023/1) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tibdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu b'dan illi tinnota li minkejja dak li jirriżulta fit-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet li saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta, hija marbuta biss mal-aggravji msemmija mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jilmenta li l-fatti riżultanti waqt il-proċeduri ma jistgħu qatt iwasslu sabiex tinstab ħtija fih. Jirreferi għal fatt li meta s-Supretendent Mario Spiteri mar għand l-Avukat Ġenerali biex jieħu direzzjoni dwar jekk il-każ kienx biss ta' natura dixxiplinarja jew inkella kriminali, l-Avukat Ġenerali qallu li *prima facie* jeżisti reat taħt Artikoli 124 u 125 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellant jargumenta li sabiex jiġi mressaq każ jeħtieġ li jkun hemm provi sal-grad rikjest fil-kamp kriminali u mhux *prima facie*. Huwa jispjega li dak li kien jagħmel kien biss il-qadi tal-mansjonijiet tiegħu waqt li l-approvazzjoni kienet tmiss

lis-superjuri tiegħu. Jgħid li huwa qatt ma xtara direttament il-provvista jew indaħal biex tintgħażel kumpannija minn oħra. Jirreferi għax-xiehda ta' Publius Agius (Direttur tal-Finanzi u Amministrazzjoni mad-Dipartiment tal-Pulizija) tal-11 ta' April 2013 fejn jispjega li hu (l-appellant) kien jiġbor il-kwotazzjonijiet għall-affarijiet li kellu bżonn id-dipartiment. Jisħaq li Agius jirreferi għal fatt li x-xiri kien jinżamm taħt il-ħames mitt lira Maltin (Lm500) mhux sabiex jiġu evitati l-proċeduri iżda minħabba li Publius Agius u d-diretturi preċedenti kienu ħarġu direttiva sabiex ma jiġux ordnati oġġetti b'valur ta' aktar minn ħames mitt lira Maltin (Lm500). Jilmenta li stante li d-deċiżjoni finali ma kinitx tiegħu, huwa ma setax jinstab ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi l-appellant jargumenta wkoll li mill-provi prodotti hija mankanti l-intenzjoni tiegħu li kienet waħda frawdolenti. Jgħid li anzi jirriżulta li l-prodotti mibjugħa kienu irħas mill-prodotti ta' kompetituri oħra u jargumenta li għalhekk huwa sab ruħu mixli bi proċeduri kriminali kontra tiegħu minħabba li kien hemm rapport minn terz. Ikompli jgħid li mill-provi jirriżulta li dan it-terz regolarment intalab jagħti kwotazzjonijiet u jispjega li l-aħjar prova li l-element tal-frodi huwa mankanti joħroġ mir-rapport tal-*Internal Audit & Investigations Department* (IAID). Jgħid li jekk l-anqas l-investigazzjoni interna ma waslet għal konklużjoni li kien hemm frodi, kif jista' wieħed jilħaq il-konvinċiment morali neċessarju sal-grad rikjest fil-kamp kriminali sabiex hu jitqies ħati tar-reati addebitati lilu?!

Illi fir-rigward it-tieni (2) imputazzjoni l-appellant jilmenta li huwa qatt ma ta ordnijiet, għamel likwidazzjonijiet, ranġamenti jew ħlasijiet minħabba li dan kien isir minn Karen Zahra li kienet toħroġ l-LPO's u tagħżel l-aħjar offerta. Jispjega li dan kien każ li *se mai* kellhom jitteħdu passi dixxiplinari kontra tiegħu (tal-appellant) u li ma kienx hemm l-elementi rikjesti sabiex jinstab ħati tar-reati addebitati lilu.

L-Ewwel (1) Imputazzjoni
(Interess privat f'aġġudikazzjoni):
Illi din il-Qorti ser tibda billi tagħmel referenza għall-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellant allura imputat, liema imputazzjoni temerġi minn Artikolu 124 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra hekk:

> "Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku illi, bid-dieher jew bil-moħbi jew bil-mezz ta' persuna oħra, jieħu interess privat f'aġġudikazzjoni, appalt, jew amministrazzjoni, sewwa jekk ikollu għal kollox jew f'parti t-triġija jew is-sorveljanza tagħhom, kif ukoll jekk kellu din it-triġija jew sorveljanza fiż-żmien li l-aġġudikazzjoni, l-appalt, jew l-amministrazzjoni nbdew, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa sitt xhur, u l-interdizzjoni perpetwa tal-kariga jew impieg tiegħu pubbliku."

Illi tajjeb wieħed jifhem li uffiċjali/impjegati pubbliċi għandhom rwol essenzjali fl-amministrazzjoni għaqlija tal-fondi pubbliċi u finalment ukoll fir-rigward tal-akkwist pubbliku. Tajjeb wieħed jifhem li r-rwol tagħhom huwa tali li jirrikjedi minnhom l-ogħla standard ta' onesta' u integrita'. F'dan ir-rigward, din il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li jgħid il-Professur Sir Anthony Mamo fin-Noti tiegħu Notes on Criminal Law (Second Year) fejn jgħid hekk:

> "The special position of public officers and functionaries often makes it necessary that they should abstain from doing certain acts which in the case of others are perfectly permissible and legitimate. Being the depositaries of trust of the Government and consequently also of that of the public, they should discharge their fiduciary office so as to keep away from themselves even the suspicion or fear of any fraud to the detriment of the public or of private individuals whose affairs they are called upon to administer, manage or supervise. And as such suspicion or fear is bound to

> arise whenever there is a conflict between one's own interests and those of others, so the law wisely prohibits public officers or functionaries from having any private interests in matters appertaining to their office."

Illi din il-Qorti taqbel perfettament ma' dak li għadu kemm ġie ċċitat. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tqies x'inhuma l-elementi kostituttivi tar-reat in kwistjoni.

Illi l-ewwel u qabel kollox il-persuna li twettaq dan ir-reat trid tkun uffiċjal jew impjegat pubbliku. Mix-xiehda mogħtija minn Noel Grixti Damato (*a fol.* 77 *et seq.*) jirriżulta mingħajr ebda dubju li l-appellant kien uffiċjal pubbliku meta twettaq l-allegat reat.

Illi element ieħor jirrigwarda l-fatt li l-uffiċjal pubbliku jkun ħa interess privat fl-aġġudikazzjoni, appalt, jew amministrazzjoni. Issa jirriżulta ampjament ippruvat u ma huwiex kontestat li kumpannija tal-appellant kienet tiġi aġġudikata kwotazzjonijiet mid-dipartiment tal-Pulizija waqt li huwa kien responsabbli sabiex jikseb il-kwotazzjonijiet. F'dan ir-rigward tajjeb wieħed jirreferi għar-rapport tal-*Internal Audit and Investigations Department* (Dok. "LV" – *a fol.* 48 *et seq.*), f'liema rapport (*a fol.* 52) jiġi spjegat li t-*toners* għal ċertu *printers* użati mill-Pulizija kienu jinxtraw esklussivament mill-kumpanniji tal-appellant. Mill-istess rapport jirriżulta li kien hemm diskrepanzi sostanzjali bejn dak li nxtara u dak li nstab fl-i*stores* tal-Pulizija. Din il-Qorti żżid li ma hemmx provi li dan kien tort tal-appellant u għalhekk dan l-aħħar punt ma għandux jiġi meqjus għas-sejbien *o meno* tal-ħtija tiegħu. Jirriżulta wkoll mix-xiehda mogħtija minn Publius Agius (*a fol.* 18 *et seq.*) li r-rwol tal-appellant kien dak li jikseb il-kwotazzjonijiet. Din il-Qorti tqis li din il-mansjoni hija effetivament kritika minħabba li ma jidhirx li l-kwotazzjonijiet kienu jiksbu permezz ta' xi sejħa pubblika. Tant hu hekk li fir-rapport tal-IAID hawn fuq imsemmi (*a fol.* 54) l-awdituri jgħidu li għas-sena 2012 instabu biss ftit dokumenti rigwardanti l-kwotazzjonijiet. Saħansitra fl-istess IAID jingħad li jista' jkun li tali kwotazzjonijiet kienu inkisbu verbalment. Għal din il-Qorti dan huwa allarmanti minħabba li l-appellant seta' (fil-każ ta' kwotazzjonijiet verbali)

"jagħti prezz irħas" minn dawk tal-kompetituri tiegħu b'dana allura li l-uffiċjali li jagħmlu l-aġġudikazzjoni ma jkollhom l-ebda alternattiva ħlief li jagħtu l-kwotazzjoni lill-kumpannija tal-appellant. Għalhekk anke dan l-element huwa ppruvat.

Illi mill-istess fatti jirriżulta li l-appellant kellu fdati lilu s-superviżjoni tal-amministrazzjoni meta huwa kien jitlob u jikseb il-kwotazzjonijiet in kwistjoni.

Illi l-appellant jisħaq li huwa kien ibiegħ l-affarijiet lill-Pulizija bi prezz irħas minn dawk tal-kompetituri u li għalhekk ma wettaqx frodi u li konsegwentement għandu jiġi liberat. Dwar dan il-punt din il-Qorti tirreferi għal dak li jgħid il-Professur Sir Anthony Mamo meta fuq dan il-punt jgħid hekk fin-Noti tiegħu Notes on Criminal Law (Second Year):

> "Nor finally is it necessary that the public administration should have suffered any actual injury."

Illi din il-Qorti taqbel ma' dan u tagħmlu tagħha b'dan għalhekk li d-difiża tal-appellant f'dan ir-rigward ma għandha l-ebda rilevanza u sejra tiġi mwarrba.

Illi l-appellant jargumenta li huwa ma wettaq l-ebda frodi u sabiex isostni dan il-punt jirreferi għal dak li qalu l-awdituri tal-IAID. Din il-Qorti tibda billi tgħid li dan ir-rapport ma jgħidx li ma twettqitx frodi, iżda li minħabba nuqqas ta' dokumentazzjoni huma ma setgħux jaslu għal konklużjoni fuq dan il-punt. Din il-Qorti tirrimarka wkoll li l-element ta' frodi ma huwiex element kostituttiv ta' dan ir-reat kif jipprova jargumenta l-appellant iżda huwa element li jitqies bħala ċirkostanza aggravanti. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għal Artikolu 126 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet tal-Malta li jistabbilixxi hekk:

> "Kemm-il darba, fil-każijiet imsemmija fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, tkun ukoll saret ħsara b'qerq lill-amministrazzjoni illi magħha l-affari jkollha x'taqsam, il-

> piena tkun ta' priġunerija minn tmintax-il xahar sa tliet snin, bl-interdizzjoni stabbilita f'dawk l-artikoli."

Illi dan huwa suffragat ukoll mill-Professur Mamo li fin-Noti tiegħu hawn fuq imsemmija jgħid hekk:

> "This comment made with reference to the corresponding section of the "Progetto Zanardelli" of 1887 fully applies to our law, which expressly at Sec. 124 [illum Artikolu 126], takes account of "any fraudulent loss caused to the administration to which the matter belonged" <u>not</u> as an <u>essential constituent</u> of the crime under sec. 122 [illum Artikolu 124], but only for the purpose of <u>aggravating the punishment</u> therein prescribed."

Illi għalhekk anke dan il-punt jistħoqqlu li jiġi miċħud.

<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>
<u>(Interess privat f'għoti ta' ordnijiet)</u>:
Illi din l-imputazzjoni temerġi minn Artikolu 125 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra hekk:

> "Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku illi jieħu interess privat f'affari li dwarha jkun inkarigat jagħti ordnijiet, jagħmel likwidazzjonijiet, ranġamenti jew ħlasijiet ta' kull xorta li jkunu, jeħel, meta jinsab ħati, il-pieni msemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan."

Illi dwar din l-imputazzjoni l-appellant jilmenta li huwa ma kienx responsabbli għal aġġudikazzjoni tal-kwotazzjoni jew għal pagamenti.

Illi din il-Qorti tqis mingħajr dubju li meta wieħed ikun qed jitlob kwotazzjonijiet, huwa jkun qiegħed jistabbilixxi arranġamenti ta' kif ser jiġu pprovduti l-affarijiet li jkun qed jinxtraw. Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti huwa ampjament ippruvat li l-aġir tal-appellant jaqa' fil-parametri tal-artikolu hawn fuq ċitat. Għalhekk

l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha.

Konsegwentement l-ewwel aggravju tal-appellant qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tieni aggravju l-appellant jilmenta dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu. Jisħaq li din il-piena kienet waħda ħarxa meta jitqies li ngħatat fil-massimu tagħha. Jispjega li meta ppreżenta r-Rikors tal-appell tiegħu huwa kellu wieħed u erbgħin (41) sena u li kellu fedina penali netta. Jitlob li jittieħed in konsiderazzjoni l-fatt li huwa ma arreka l-ebda ħsara lill-amministrazzjoni pubblika anzi bil-kontra ffrankalha l-flus. Għalhekk jitlob piena aktar miti tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tibda billi tinnota li hija ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fejn din il-piena ma tkunx eċċessiva jew żbaljata fil-prinċipju. F'dan ir-rigward issir riferenza għas-sentenza mogħtija fit-22 ta' Settembru 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizja vs. Eric Zammit** (Numru 139/2015) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi ġie stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza illi qorti ta' reviżjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod *"wrong in principle"* jew *"manifestly excessive"*."

Illi l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant allura imputat għal piena ta' sitt (6) xhur priġunerija li ġew sospiżi għal sena. Filwaqt li din il-Qorti tinnota li din il-piena taqa' fil-parametri tal-liġi, tinnota wkoll li l-aġir tal-appellant għandu jiġi skorraġut fi ħdan l-amministrazzjoni pubblika u għalhekk l-element ta' deterrent

f'dan il-każ għandu jirbaħ fuq l-elementi l-oħra li jsawwru l-kalibrazzjoni tal-piena. Jirriżulta wkoll li l-Ewwel Qorti ma applikatx il-piena kollha prospettata fil-liġi u ċioè *"l-interdizzjoni perpetwa tal-kariga jew impieg tiegħu pubbliku"*, liema piena hija obbligatorja. Iżda ma sarx appell mill-Avukat Ġenerali dwar dan. Minkejja dan, tenut kont tal-fatt li l-fedina penali tal-appellant hija waħda bla mittiefsa u tenut kont ukoll tad-dewmien li ħadu dawn il-proċeduri sabiex jiġi konklużi llum, din il-Qorti hija tal-fehma li għandha tvarja l-piena erogata mill-Ewwel Qorti u b'hekk l-aggravju in eżami qed jiġi milqugħ.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Christopher Galea u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat sitt (6) xhur priġunerija li *ai termini* ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sospiżi għal sena u minflok tikkundanna lill-appellant għal perjodu ta' erba' (4) xhur priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lil ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkommetti reat ieħor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr. Neville Camilleri** | **Alexia Attard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |